MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 42/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Stephen Spiteri**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Meta b' diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiskru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmulha b' risoluzzjoni wahda, fix-xhur ta' Lulju, 2011, Awissu, 2011 u Settembru, 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Sharon Spiteri u/jew lil bintu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Jannar, 2012 fejn wara li rat l-Artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lil appellant hati u kkundannatu xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta' Jannar, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti tar-reita izda thassarha fil-parti tal-piena/sanzjoni billi minflok tigi mposta piena aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-esponent bir-rispett kollu, u kif ser jigi sottomess waqt it-trattazzjoni ta' dan l-umli appell, l-esponent umilment jemmen illi fil-kaz odjern jezistu fatturi li jimmilitaw favur temperament fil-piena inflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti. Fost affarjiet ohra l-esponent jixtieq jippuntwalizza bir-rispett illi:

a. Jidher li ma inghatax piz bizzejjed ghall-fatt li ghalkemm l-appellant jaf li jrid jadempixxi l-obbligu tieghu pero tax-xhur li huwa kien akkuzat huwa kien minghajr impieg u kien biss ftit tax-xhur ilu li huwa beda jahdem;

b. Illi l-appellant fil-mori tal-appell bi hsiebu li jipprova jibda jhallas il-manteniment kull xhar sakemm huwa jibqa f'impieg u jottempra ruhu dwar l-arretrati billi jhallas f'rati mensili.

Ikkunsidrat

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa obbligat ihallas lill-martu Sharon Spiteri erba` mitt Ewro (€400) fix-xahar ghax-xhur indikati fic-citazzjoni, liema somma giet iffissata bejn il-partijiet b'kuntratt ta' separazzjoni tat-30 ta' April, 2009.

Filwaqt illi l-appellant ikkonferma illi huwa ma kienx hallas l-ebda ammont ta’ manteniment dovut minnu qal illi dana gara peress illi nstab bla xoghol  u ma kienx f’posizzjoni illi jhallas il-manteniment indikat.

Din il-Qorti kellha diversi okkazjonijiet sabiex tippronuncja ruhha dwar dan il-punt illi skuza bhal din mhijiex gustifikata.  Persuna li jkollha obbligazzjoni ta’ manteniment ma jistax arbitrarjament jiddeciedi illi ma jhallas il-manteniment ghar-raguni jew ohra.  Jekk jidhirlu illi qieghed f’posizzjoni illi ma jistax ikompli jaqdi l-obbligazzjonijiet tieghu, jrid jadixxi l-Qorti kompetenti sabiex jottjeni varjazzjoni tad-digriet, sentenza jew kuntratt li jkun.  Minghajr dan id-digriet l-obbligazzjoni tibqa` fuq il-persuna anki fic-cirkostanzi msemmija mill-appellant.

Pero` fil-verbal tal-15 ta’ Marzu, 2012 gie ddikjarat illi l-flus kollha dovuti lil parti civili Sharon Spiteri thallsu.  Dana gie kkonfermat mill-istess parti civili li kienet prezenti fl-Awla.

Il-Qorti mhijiex aversa ghal din is-sitwazzjoni fejn, avolja l-htija tibqa` jkun il-kaz ta’ temperament fil-piena.

Fil-kawza il-Pulizija vs Publius Said deciza fil-25 ta’ Settembru 2003 il-Qorti qalet :
*« l-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjonifil-Kodici Kriminali fin-1983, (bl-emenda tan-1986) kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitrantisabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpedixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta’ stipulazzjonijiet kontratwali bejn il-konjugi. F’dan il-kaz dan il-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta’ temperament fil-piena......*

Dan huwa proprju dak illi bi hsiebha taghmel din il-Qorti.

Il-Qorti tal-Magistrati kkundannat lill-appellant ghal xahar prigunerija, ovvjament hemm lok illi din tinbidel.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` w tiddeciedi illi filwaqt li tilqa` in parti l-appell, tvarja s-sentenza tal-Qorti

tal-Magistrati fis-sens illi filwaqt li tikkonferma d-dikjarazzjoni ta’ htija, tirrevoka l-ordni ta’ xahar prigunerija w minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------